ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 28 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 25 ta' Awwissu 2014 fis-6.00pm

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Kunsillieri | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Keith Fenech |
| | Is-Sinjura Miriam Schembri |
| Accountant | Is-Sur Patrick Caruana |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji
   a) Petty Cash Lulju 2014;
   b) Ħlasijiet ta' Lulju 2014;
   c) Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għall-ewwel sitt xhur tas-sena Jannar-Gunju 2014
5. Attivita' - Novembru;
6. Tenders;
7. Tender Persuna fuq EU Funds;
8. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

**1. <u>Minuti</u>**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 27 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Segretarju staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki dwar l-eżattezza tagħhom, is-Sindku ppropona li jkunu addottati.
Issekonda il-Viċi Sindku Vassallo u l-Kunsill qabel unanimament.

**2. <u>Tagħrif mill-Minuti</u>**

a. Mingħand is-Sur Zammit ta' FSWS – staqsa jekk il-Kunsill hux lest li jipprovdi ngwanti, boroż u għodda biex il-parteċipanti jkunu jistgħu jaħdmu bihom. Il-Kunsill kien iddeċieda li l-ġurnata tkun it-3 ta' Novembru 2014. Il-Kunsill qabel li jinxtraw l-affarijiet li jkun hemm meħtieġ biex isir dan it-tindif.

b. Is-Segretarju qalet li għall-festa ta' Santa Marija kien hemm il-ħtieġa li jinġieb *bowser* ilma biex titnaddaf il-pjazza, kif ukoll kien hemm il-ħtieġa li jinġieb il-kuntrattur Frans Bonnici biex inaddaf Triq San Gorg għax kien hemm ħafna skart u anke annimali mejta.

c. Dwar il-biċċa *central strip* li l-Kunsillier Agius kienet semmiet fil-laqgħa preċedenti, *Transport Malta* talbu l-Kunsill biex ineħħieha. Għaldaqstant is-Sindku ħa ħsieb li bil-ħaddiema assenjati mal-Kunsill neħħa din il-biċċa *central strip*.

d. Is-Segretarju qalet li waqt il-laqgħa mal-Onor Buontempo li għaliha kien hemm preżenti s-Sindku, s-Segretarju w l-Kunsillier Schembri ġew diskussi diversi suġġetti fosthom il-qagħda finanzjarja li jinsab fiha il-Kunsill minħabba li l-Kunsill qed iwettaq il-proġett tal-PPP tat-toroq.

Waqt il-laqgħa s-Segretarju ssuġġerit li l-Kunsill jitlob lil min hu kkonċernat biex kmamar fil-berġa tar-raħal, li din qed tiġi wżata biss darbtejn fil-ġimgħa għal sagħtejn biss tibda tintuża mill-Kunsill biex isiru lezzjonijiet tal-*lifelong learning*.

Minn hawnhekk beda l-proċess u s-Segretarju waslet biex ikkuntatjat diversi persuni fosthom l-Onor. Chris. Fearn u l-Onor. Kondrad Mizzi fejn sabet ħafna għajnuna w l-Kunsill ser ikollu il-faċilita' li juża l-berġa għall-ħtiġijiet ta' lezzjonijiet.

ĦAL GĦAXAQ

3. **<u>Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

1. Mid-Dipartiment infurmaw dwar Memo 16/2014 fuq Proġett Pilotta u Kwestjonarju dwar Performance Management fil-Kunsilli Lokali dwar obbligi kuntrattwali u ta' manutenzjoni fil-Kunsilli Lokali u wkoll dwar oqsma oħra soċjali.

   Memo 21/2014 dwar Dokumenti Ppreżentati waqt il-Laqgħa tal-Kunsill sabiex kull membru tal-Kunsill jkollu *hard copy* tal-Minuti u kull document ieħor relatat mal-laqgħa jekk ikun jixtieq.

   Memo 23/2014 dwar Manutenzjoni tas-Sinjali u Markings tat-Toroq u tas-*Sleeping Police*, sabiex meta jsiru dawn ikunu konformi ma' *standards* nazzjonali u internazzjonali.

   Għarrfu wkoll dwar *Norway Grants* l-applikazzjoni fuq il-proġett *A Partnership for Creative Governance* . Is-Segretarju qalet li hi se t'applika f'isem il-Kunsill. Il-Kunsill ma' sab ebda oġġezzjoni.

   Infurmaw ukoll dwar il-Programm u l-Applikazzjonijiet dwar *European Mobility Week*, dwar kif ser ikunu maqsuma l-attivitajiet.

   Bagħatu wkoll dwar *Malta Day to Day* – Attivitajiet li ser isiru f'Settembru, 2014, fejn talbu informazzjoni dwar l-attivita' partikolari li l-Kunsill ser jorganizza. Minn naħa tagħna nfurmajniha li x'aktarx ser ikun hemm xi ċaqliq għalhekk trid tingħata risposta malajr kemm jista' jkun. Il-Kunsill qabel li l-attivita' li kienet ser issir f'Ottubru titħassar għax ma kienx hemm biżżejjed fondi. Il-Kunsill qabel li ssir l-attivita' dwar is-saħħa għax din ma tirrikjedhiex spejjeż.

2. Mill-AKL infurmaw li ser issir laqgħa Plenarja għal Kunsillieri fit-18 ta' Ottubru, 2014 u laqgħa għas-Sindki u Viċi Sindki fis-7 u 8 ta' Novembru, 2014, fejn din ser isir ġewwa Għawdex aktar dettalji jingħataw aktar il-quddiem.

   Infurmaw ukoll li ser isiru laqgħat informattivi b'xejn rigward l-effiċjenza tal-enerġija effettiva.

Bagħatu wkoll stedina lill-Kunsilli Lokali għal żewġ wirjiet ta' *Heritage Malta*, dawn il-ħarġiet ser ikunu waħda il-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija u l-oħra ġewwa l-Palazz tal-Inkwiżitur.

3. Mill-MEPA nfurmaw ukoll dwar applikazzjoni ġdida PA 2465/14 – għal *refurbishment* tal-*petrol station* ta' Busuttil sabiex tkun *eco friendly* ; PA 2555/14 dwar kostruzzjoni ta' *penthouses* f'Tal-Millieri.

Infurmaw ukoll dwar Sqaq il-Gebel li l wiesa' tiegħu għadha kif inhi u l-qisien jaqblu mas-*survey* li ħareġ il-Perit Anton Zammit.

ĦAL GĦAXAQ

4.ra.

Mit-TM bagħatu li ma jsibux oġġezzjoni li ssir *round-topped road hump* fi Triq il-Fidloqqom skond il-kundizzjonijiet maħruġa minn naħa tagħhom.

Għarrfu wkoll dwar *reserved parking* tas-Sur De Giovanni li joqgħod fi Triq il-Gistakor li dan ingħatalhu għal sena u wkoll tas-Sur Formosa li joqgħod fi Triq it-Telleritu.

5. Mingħand Clayton Cutajar fejn infurmana dwar il-korsijiet tal-*Lifelong Learning* 2014-15, l-applikazzjonijiet jibdew jintlaqgħu mit-18 ta' Awwissu, 2014.

6. Mir-Reġjun Nofsinhar dwar *CCTV System Technical Proposal Meeting 09.07.2014*.

7. Mill-GAL Xlokk dwar M 421 TNC Festival fejn l-applikazzjonijiet ser ikunu miftuħa bejn it-18.08.14 sal-1.09.14.

8. Mill-Fondazzjoni Nazareth fejn bagħatu invit lis-Sindku għal Maratona – Bis-Saħħa ta' Kulħadd, li ser isir fis-7 ta'Settembru, 2014, fl-istudios ta' ONE, Marsa. Is-Sindku informa li mhux se jkun disponibbli w jekk jista' jmur ħaddieħor.

9. Mingħand is-Sinj. Ellul, fejn qed tilmenta li qed jitħallew boroż tal-iskart taħt it-tieqa tad-dar tagħha.

10. Mingħand il-MEUSAC fejn għarrfu dwar *Summaries Town and Youth exchanges*.

11. Mill-Aġenzija Sedqa dwar *Community Service,* sabiex isir xogħol ta' voluntarjat fil-lokal.

12. Mingħand Azzopardi & Busietta, fejn qed jiktbu għan-nom ta' Silvan Carabott, dwar Sqaq il-Gebel, peress li qed jgħid li meta' jittella' l-ħajt jidjieq l-isqaq.

13. Mingħand Mary Grace Vassallo, Librara fejn kienet ghaddeja korripsondenza dwar deċiżjonijiet li l-Kunsill ħa fuq xiri ta' kotba u affarijiet oħra.

15. Mingħand Ms Christine Dalli, fejn infurmat bl-attivita' li ser titella' mill-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ bl'isem ta' ' *Ħal Għaxaq goes Healthy*', fejn ser ikun hemm attivitajiet sportivi u anke zumba fit-12 ta' Ottubru 2014.

ĦAL GĦAXAQ

16. Mill-Għaqda Mużikali St.Marija fejn stiednu lill-Kunsill, Segretarja u Staff tal-Kunsill għal programm Mużikali nhar il-11.08.2014.

    Bagħatu jinfurmaw dwar il-gabbani tal-festa, li peress li l-gabani jarmaw viċin l-armar tal-festa, ser iżommu lill-Kunsill responsabbli fuq xi ħsara li dawn jistgħu jikkaġunaw lill-armar.

17. Mingħand il-G4S fejn bagħatu kwotazzjoni għal *Intruder Alarm u CCTV*. Fejn is-sistema tas-*CCTV* ser tiswa € 973.09 u l-*Intruder Alarm* ser tiswa € 980.43.

18. Mingħand Andrew Vassallo fejn irċevejna żewġ kwotazzjonijiet għal 100 *bin* waħda qeda €5,970.16 fejn dawn huma galvanizzati u l-oħra hi ta' € 7,488.68 maħduma fuq materjal ieħor. Dawn il-bins jerġgħu jiġu diskussi. Sar qbil ukoll li jinġiebu aktar kwotazzjonijiet tad-*dog bins*.

19. Mingħand Francis Portelli fejn bagħat kwotazzjoni għal *trenching works* li hemm il-htiega li jsir li tammonta għal € 4,720. .

20. Mingħand Joseph Agius kwotazzjoni ta' ħrit tal-ġonna flimikien mal-ħwat tal-*Housing Estate* li tammonta għal € 400.
    Fuq l-istess ħaġa kwotazzjoni mingħand Lawrence Farrugia li tammonta għal € 440.

    Kwotazzjonijiet mingħand Vincent Caruana, fejn
    zbir u tindif tal-area tal-flats tammonta għal €348.10,
    zbir utindif l-area ta' ħdjen ta' Peppin li tammonta għal € 371.70;
    zbir u tindif l-area ta' Bir id-Deheb tammonta għal € 188.80 u
    zbir u tindif l-area ta' St.Rokku li tammonta għal € 336.30.

21. Kwotazzjonijiet għal *air-condition* tal-Uffiċċju ta' isfel 12 BTU bil-*inverter* mingħand :-

| | | |
|---|---|---|
| BT Commercial Ltd. | - | € 750 VAT incl. |
| Paulson Home and Hifi | - | € 720. |
| Modern Refrigiration Ltd. | - | € 680 VAT incl. |

Minħabba li il-prezz tal-*Modern Refrigeration* hu l-irħas il-Kunsill qabel li dan jsir.

22. Kwotazzjoni mingħand St.Joseph ironmiongery għal 2 frames ghar-ritratti tal-President ta' Malta li jammontaw għal € 53. Il-Kunsill qabel li ma hemmx bżonn aktar *frames* diġa' hemm wieħed.

23. Mingħand is-Segretarju Pitch tal-Boċċi, fejn qed jitolbu permess sabiex jitwaħħlu boards ta' reklami ewlenin, fejn dawn qed jissuġġerixxu li jitwaħħlu mal-ġenb tal-latrina pubblika. Il-Kunsill ma' sab ebda oġġezzjoni.

ĦAL GĦAXAQ

24. Mingħand is-Sur Gwido Agius, fejn qed jitfa' kwotazzjoni għal vettura, fejn ħlas ma hemmx marbuta magħha pero' trid tiġi mħallsa il-liċenzja, insurance, diesel u kwalunkwe bżonnijiet oħra minn naha tal-Kunsill. Din il-vettura għalkemm li spejjeż jħallas kollox il-Kunsill tibqa' tintuża kemm mis-Sur Agius u anke minn Nursery meta jkun hemm il-ħtieġa.

Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li din il-proposta ma tkunx aċċettata minħabba l-fatt, li l-van mhux se jsir propjeta' tal-Kunsill.

**Korrispondenza li bagħat il-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

a) Intbagħatet e-mail lill-Onor. K. Mizzi; lill-Onor. S. Buontempo u lill-Onor. Fearne, fejn tlabna sabiex il-berġa tal-lokal tibda tintuża sabiex isiru lezzjonijiet tal-*Lifelong Learning*, fejn tali talba ġiet milqugħa u qed isiru diskussjonijiet mal-partijiet ikkonċernati.

b) Intbagħatet ittra lill-Għaqdiet Lokali kollha tar-Raħal fejn erġajna infurmajnihom bil-ħinijiet tal-ħruġ tal-iskart u anke dwar l-ipparkjar bl-addoċċ li qed ikun hemm fil-pjazza sabiex jagħarrfu lill-membri rispettivi tagħhom ħalli dan ma jibqax iseħħ.

ċ) Ittra lill-Enemalta fejn qed ninfurmaw li nixtiequ napplikaw ghad-dawl ta' 8 cameras fuq sistema *wirelesss* sabiex jitwaħħlu madwar il-lokal.

## 4. Materji Finanzjarji

**a) *Petty Cash***: Is- Segretarju Eżekuttiv elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Lulju 2014, li kienu jammontaw għal €67.40 . Is-Segretarju qrat l-lista tan-nefqiet li saru u ressqet l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Segretarju Eżekuttiv talbet li tiġi kkumpensata b'€67.40 għall-*petty cash*. Il-Viċi Sindku ressaq ghall-approvazzjoni u kienet sekondata mill-kunsillier Schembri.

**b) *Skeda ta' Ħlas Lulju 2014*.** Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Lulju 2014 li jammontaw għal **€** 20,224.

Is-Segretarju qrat il-lista tal-pagamenti u wara ressqet l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-ħlas u ġiet sekondata mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

***c) Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għall- ewwel sitt xhur tas-sena Jannar-Gunju 2014.*** Is-Segretarju qalet li l-approvazzjoni se tkun għal karta bilanċjali li tkopri l-ewwel sitt xhur tas-sena kalendarja li għalqet fl-aħħar ta' Ġunju li għadda. Il-Kunsillier Fenech talab lill-*Accountant*, is-sur Patrick Caruana jispjega kif kien id-dħul u l-ħruġ għal perjodu li kien se jiġi trattat.

ĦAL GĦAXAQ

Is-Sur Caruana qal li dħul fl-ewwel sitt xhur tas-sena, kien jammonta għal 157,087ewro fil-parti l-kbira tagħhom huma l-allokazzjoni tal-Gvern lill-Kunsill u minn permessi li jkun ġabar il-Kunsill u kummissjonijiet fuq kontijiet, waqt li l-ammont tal-ħruġ kien 95,386 ewro biex il bilanċ fl-aħħar ta' Ġunju kien ta' 61,701.07ewro.

Il-Kunsill umbagħad eżamina fejn kienu saru nefqiet u talab biex l-*Accountant* jagħħmel l-aġġustamenti meħtieġa biex fit-tielet kwart l-allokazzjoni u n-nefqiet ikunu jirriflettu sitwazzjoni iktar attwali. Fil-fatt l-*Accountant* intalab biex jerġa' jiġi għall-laqgħa li jmiss tal-Kunsill b'aktar dettalji li juru s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel dwar dan.

Is-Sur Fenech qal li minkejja li kien hemm nefqiet sostanzjali, l-indikatur finanzjarju għadhu tajjeb għaliex kien jindika kwazi 29%, iżda dan ma jfissirx li jistgħu jsiru aktar nefqiet qabel ma s-Sur Caruana jagħti rapport fil-laqgħa li jmiss.

Meta s-Sur Fenech ressaq r-rapport tal-ewwel sitt xhur tas-sena għal approvazzjoni, issekondat is-Sinjura Agius u għalhekk ir-rapport kif emendat ġie mgħoddi w approvat mill-Kunsill.

**5. <u>Attivita' – Novembru:</u>**

Is-Sindku qal li l-attivita' li kien bi ħsiebhu jagħmel il-Kunsill f'Ottubru se tiġi mħassra minħabba li ma hemmx finanzi biżżejjed. L-ammont ta' 1500 ewro li l-Kunsill ingħata mid-Dipartiment tal-Kunsilli mhux se jagħmel tajjeb ghall-ispejjeż. Għaldaqstant kompla jgħid is-Sur Abela, il-Kunsill flimkien mal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ se jgħin fl-attivita' bl'isem ta' '*Ħal Għaxaq goes Healthy*', fit-12 ta' Ottubru fejn ser ikun hemm attivitajiet sportivi. Il-Kunsillier Schembri qalet li ser isiru ħafna attivitajiet relatati mas-saħħa.

Il-Kunsill qabel.

## 6. ***Tenders*:**

Is-Segretarju qalet li l-Kunsill kien irċieva offerta waħda għat-*Tender* ***Architect Services for: a) Infrastructural Projects & Foot Paths and b) Council requirements (GHLC02/14)*.** Kif ukoll offerta waħda għat-*Tender* ***Collection of Bulky refuse (GHLC04/14)***

Dawn l-Offerti nfetħu u ġew reġistrati d-dettalji, kif ukoll ġew iċċekjati li kien hemm ir-rikjesti mitluba.

ĦAL GĦAXAQ

L-Offerta ghal ***Architect Services*** tal-Perit Marvin Ellul li kienet kif gej:

1. *Planning of projects & concept designs* *@ 0.9%*
2. *Meetings, consultations and professional advice* *@ €15/hr*
3. *Compilation of plans & submissions* *@ 0.9%*
4. *Preparation of Tender Documents* *@ 0.9%*
5. *Preparation of detailed working drawings* *@ 0.85%*
6. *Supervision of Works/Management fee* *@ 1%*
7. *Preparation of Estimates/bills of quantities* *@ 0.9%*
8. *Measurements & issuing of bills* *@ 0.9%*
9. *Submission of small applications to MEPA shall be charged separately with a minimum basic rate of €160 per application. For large Projects the rate of 9% as above should apply.*

Is-Sindku sekondat mill-Kunsillier Fenech ippropona li jilqa' l-offerta tal-Perit Marvin Ellul.

Il-Kunsill qabel unanimament.

L-Offerta ghal-***Collection of Bulky Refuse*** kienet mingħand is-Sur Ronald Bezzina.

I-Sur Bezzina ikkwota li se joffri is-servizz tal-*Bulky Refuse "Vehicle with Driver and collection per diem @ €3.00 per call max. items 3".*

Il-prezz jinkludi van, driver, ġbir u 18% VAT.

Il-Viċi Sindku sekondat mill-Kunsillier Agius ipproponew li l-offerta tas-Sur Ronald Bezzina tkun milqugħa.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**7. _Tender Persuna fuq EU Funds_:**

Is-Sur Abela qal li jixtieq li l-Kunsill ikollu persuna li tgħinu japplika għa fondi tal-U.E. Is-Sur Abela kompla jgħd li din il-persuna tapplika f'isem il-Kunsill u hi jew hu jitħllsu persentaġġ tal-fondi li jinġiebu.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni jekk din il-persuna ma tkunx impjegata mal-Kunsill.

ĦAL GĦAXAQ

**8. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.**

a. Il-Kunsillier Fenech qal li hemm postijiet fejn ta' l-*iscammel* qed jibgħat persuna tiġbor il-boroż is-suwed minn wara l-bibien tan-nies u jagħmilhom gozz wieħed, b'tali mod li ġieli jkunu fin-nofs tat-triq u s-sewwieqa lanqas jindunaw bihom u jgħaddu minn fuqhom, u dawn il-boroż jispiċċaw miftuħin bl-iskart jiġri ma' kullimkien. Kien hemm drabi ukoll fejn boroż ma jinġabrux. Is-Sindku qal li se jkellem lill-kuntrattur ta' l-*iscammel*.

b. Is-Sindku qal li se japplika għal Skema tal-*LEAP* fejn dawn jibagħatu ħaddiema biex jagħmlu "*on the job training*" mal-Kunsill. Dwar il-*LEAP* kienet saret laqgħa u għaliha kienet attendiet il-Kunsillier Agius. Il-Kunsillier Agius qalet li dawn ikunu nies qed ifittxu x-xogħol. Qalet ukoll li meta attendiet il-laqgħa kien intqal li l-Kunsill se jintbagħat aktar informazzjoni. Is-Segretarju ma rċiviet ebda nformazzjoni wara l-laqgħa.

Il-Kunsill qabel li jinġiebu nies taħt din l-iskema.

c. Il-Viċi Sindku qal li hemm *reserved parking* ħdejn San Filippu li tista' titneħħa minħabba li lil min kienet tappartjeni din il-*parking* m'għadux magħna. Is-Segretarju ġiet mitluba tikteb lil *Transport Malta* biex din ir-*reserved parking bay* titneħħa u ssir *parking bay* li tkun tista' tintuża minn kulħadd. Il-Kunsill qabel.

d. Il-Kunsilliera Agius qalet li ġiet avviċinata biex jitranġa l-istage li hemm faċċata man-naħa l-oħra tat-triq tal-ħanut "*soapy corner*" minħabba li dan jinsab ftit il-barra u l-karozza tal-linja ma tidħolx sewwa biex jkunu jistgħu jitilgħu l-passiġġieri. Il-Kunsill qabel li jiġi nfurmat il-kuntrattur ta' l-istages.

e. Il-Kunsillier Schembri qalet li qed ikun hemm ħafna ħmieġ Triq San Gorg u Triq it-Tumbarellu, qalet li l-kennies mhux qed ikun f'dawk l-inħawi. Is-Segretarju qalet li se tkellem lil-kuntrattur.

f.Is-Sindku qal li jixtieq jirranġa Triq Santa Marija minħabba li parti minnha meta tagħmel ix-xita, l-ilma jaqleb naħa waħda. Saret diskussjoni u sar qbil li tinġieb kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur tal-*patching* biex issir biċċa mit-triq biex l-ilma jiġi jaqleb għan-nofs. Il-Kunsill qabel.

g. Is-Sindku qal li jixtieq li jirranġa l-bandli li hemm fuq Santu Rokku. Qal li jixtieq jagħmel gradi mad-dawra tal-*playing field* bi tpinġijiet tat-tfal tal-iskola li jiġu fin-nofs ta' dawn il-gradi. Is-Segretarju qalet li hemm il-ħtieġa li ssir xi ħaġa għas-sigurta' tat-tfal biex ma joħorġux fit-triq. Qalet ukoll li l-Kunsill kien irċieva rapport biex dawn il-bandli jitranġaw.

ĦAL GĦAXAQ

Is-Sindku kompla jgħid li l-*playing field* tkun isbaħ jekk mal-faċċata fejn hemm il-ħajt vojt issir *mural* bi tpinġijiet addattati għat-tfal. Din il-*mural* ser issir bla ħlas mill-artist, il-Kunsill se jgħin biss billi jħallas l-ispejjeż tal-bottijiet tal-ispray. Is-Sindku kompla jgħid li l-ħajt se jiġi rranġat biex jiġi lixx u jitranġaw il-bankijiet billi jsirilhom injam ġdid fejn hemm neqsin.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li ssir il-*mural* u x-xogħol jista' jibda iżda fuq il-bankijiet u l-gradi l-aħjar li nistennew ir-rapport tal-*Accountant*, sar qbil li għalisa ma jitwettaqx aktar xogħol li jirrikjedi spejjeż.

h. Il-Viċi Sindku reġa' saħaq li d-dwal li hemm il-*playing field* mhux kollha qed jixgħelu. Is-Sindku qal li se jerġa' jikkuntattja lill-kuntrattur tad-dawl minħabba li dan qallu li hemm xi ħsara fil-*wires* li għaddejjin minn taħt l-art.

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

**9. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fid-9.30 p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn 22 ta' Settembru 2014, fis-6.00pm.

Darren Abela
**Sindku**

Therese Xuereb
**Segretarju Eżekuttiv**

**<u>Ikkonfermati:- it-Tnejn 22 ta' Settembru, 2014, fis-6.00pm</u>**